**3 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Frans Portelli

**Natura taċ-Ċitazzjoni – Nullità – Rekwiżiti tas-Sentenza**

*Iċ-ċitazzjoni mhix ħlief ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. L-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma humiex meħtieġa mil-liġi taħt piena ta' nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni; jista' d-difett tagħhom iġib in-nullità meta tali mankanza tirrendi l-imputazzjoni inċerta.*

*Meta mis-sentenza ma jirriżultax ċar ta' xhiex l-appellant ġie misjub ħati, u anqas ma jirriżulta x'għandu jagħmel biex, kif orndat f'dik is-sentenza, jikkonforma ruħu mal-liġi, is-sentenza tiġi annullata u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tipproċedi biex tiddeċidi l-kawża fil-mertu.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkuża miġjuba kontra l-imputat fuq talba tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li qed jagħmel jew li qed iġiegħel jew iħalli li jsir xi ħaġa, f'Ta' Xurdin limiti tan-Nadur, Għawdex, li għaliha huwa meħtieġ permess skond l-artikolu 16(1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kap. 10, bit-talba li l-Qorti minbarra li tagħti, l-piena stabbilita, tapplika l-provvedimenti skond l-artikolu 17 sub-artikolu (1)(3) u(8)u artikolu 18 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet tal-Pulizija, u bit-talba wkoll li l-Qorti, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-imputat għandu fi, jew fuq proprjetà immobbli li dwarha sar ir-reat u dan skond l-artikolu 17A tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kap. 10;

Rat is-sentenza tal-25 ta' Marzu, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), wara li rreċitat l-imputazzjoni msemmija, kompliet testwalment hekk:

"Semgħet il-provi u rat id-dokumenti esibiti;

Peress li l-akkuża rriżultat;

Issibu ħati ta' l-istess u wara li rat l-artikolu 16(1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kap. 10 u Sezzjoni 17 sub-artikolu (1), (3) u(8)u sezzjoni 10 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet tal-Pulizija;

Tikkundanna lill-imputat ħamsin lira Maltija (Lm50) multa;

Inoltre tordna lill-imputat sabiex jiġi konformi mal-liġi fi żmien xahrejn mil-lum taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm25) kuljum fin-nuqqas;

Inoltre, in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-bini in kwistjoni sar wara li ġiet *in vigore* l-liġi in kwistjoni;

Tiċħad it-talba għall-konfiska";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu mill-akkuża;

Rat l-atti l-oħrajn, semgħet il-provi, u kkunsidrat illi:

1. L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li fiċ-ċitazzjoni ma ġiex speċifikat x'kien l-allegat reat. Strettament dan l-aggravju huwa fondat. Di fatti fiċ-ċitazzjoni hemm allegat li l-appellat "qed tagħmel jew qed iġġiegħel jew tħalli li jsir xi ħaġa f'Ta' Xurdin limiti tan-Nadur, Għawdex li għaliha huwa meħtieġ permess skond l-artikolu 16(1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kap. 10". Jiġi nnotat li ma ġiex allegat li l-appellant ma kellux dak il-permess. B'danakollu, għalkemm il-Pulizija għandha tieħu ħsieb li ċ-ċitazzjonijiet kollha jiġu redatti bis-sens, bl-attenzjoni u bis-serjetà li jistħoqqilhom, iċ-ċitazzjoni mhix ħlief ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Veru li l-artikolu 360(2) Kap. 9 jgħid li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha fil-qosor il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' *lok li jkunu* jinħtieġu. Iżda dawn l-indikazzjonijiet mhumiex meħtieġa mil-liġi taħt piena ta' nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni: jista' d-difett tagħhom iġib in-nullità meta tali mankanza tirrendi l-imputazzjoni inċerta (Kollez. Vol. XXV.IV.914);

2. L-imputazzjoni redatta fiċ-ċitazzjoni odjerna mhix inċerta. Biha l-appellant ġie akkużat kjarament li kien qiegħed jibni jew kien qiegħed jinkarika jew jippermetti lil min jibni f'Ta' Xurdin kostruzzjoni mingħajr il-permess meħtieġ għal daqshekk

bl-artikolu 16(1) Kap. 10. Jekk qatt l-appellant kellu xi dubju dwar is-sinifikat preċiż ta' l-imputazzjoni, kollox ġie kjarifikat lilu fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 1990 quddiem l-ewwel Qorti. Dakinhar xehed Anthony Ellis u esibixxa kopja ta' l-applikazzjoni ta' l-appellant lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet għall-permess tal-bini in kwistjoni, kopja tas-*site plan* u kopja tar-rifjut ta' dik l-applikazzjoni. Jekk wara dan, l-appellant kien fadallu xi dubju, kellu l-opportunità jitlob kjarifiki fis-seduti sussegwenti. F'dawn is-seduti, kif jirriżulta mill-atti, l-appellant la talab għal dawn il-kjarifiki, la ġieb provi u l-anqas ma pprotesta jew oġġezzjona b'xi mod li ma kienx jaf biex kien qiegħed jiġi akkużat. Għalhekk l-appellant ma ġiex ippreġudikat jew priv mill-possibbilità li jiddefendi ruħu kif jilmenta fir-rikors tiegħu. L-ewwel aggravju tiegħu mhuwiex realment ġustifikat;

3. Fit-tieni lok l-appellant jissottometti li s-sentenza appellata ma fihiex ir-rekwiżiti preskritti fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, billi m'hemmx il-fatti li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati. Minn eżami tas-sentenza in kwistjoni dan l-ilment jidher fondat. Di fatti minn dik is-sentenza ma jirriżultax ċar ta' x'hiex l-appellant ġie misjub ħati u kkundannat, u l-anqas ma jirriżulta x'għandu jagħmel biex kif ordnat b'dik is-sentenza jikkonforma ruħu mal-liġi;

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tannulla dik is-sentenza, u a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 ser tipproċedi biex tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu;

4. Irriżulta li l-appellant, mingħajr ma kien ottjena d-debitu permess imsemmi fiċ-ċitazzjoni, bena jew qabbad jew ippermetta lil min jibni t-''*tool shed for agricultural purposes*'' f'Ta' Xurdin limiti tan-Nadur, Għawdex fuq is-sit indikat fil-

pjanta esibita quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 1990. Din ix-*shed* kienet lesta mill-kostruzzjoni f'Novembru, 1989. Fis-27 ta' Novembru, 1991 ċjoè fil-mori ta' dan l-appell, ġew ottenuti l-permessi meħtieġa għall-kostruzzjoni in kwistjoni, b'mod li din issa hija konformi mal-liġi;

Għall-motivi premessi ssib lill-imputat appellant ħati li f'Novembru, 1989 u fix-xhur ta' qabel bena jew qiegħed jew ħalla li jsir il-bini tat-*tool shed* fuq indikata mingħajr il-permess tal-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi, rat l-artikoli 16(1) u 17(1)(2) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet u tikkundannah għall-multa ta' ħamsin lira Maltija (Lm50).